StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

Ro

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** _______________

## Taqsima A (20 marka)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'tagħlima nieħdu mill-istorja « Il-passi fuq ir-ramel » dwar kif Ġesù jġib ruħu magħna ?

_______________________________________________________________________________

**2.** X'għajnuna speċjali se nirċievu fis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof ?

_______________________________________________________________________________

**3.** Semmi sagrament li rċevejt f'ħajtek li juri li inti Nisrani u fisser dan is-Sagrament.

_______________________________________________________________________________

**4.** X'hemm miktub fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli fuqna l-Maltin ?

_______________________________________________________________________________

**5.** i. F'liema pajjiż twieled, għex u miet Ġesù ?

_______________________________________________________________________________

ii. Min kien jaħkem dan il-pajjiż fi żmien Ġesù ?

_______________________________________________________________________________

6. Semmi isem ta' muntanja fil-pajjiż ta' Ġesù.

_______________________________________________________________________________

7. i. Liema huma l-aktar dokumenti importanti fil-Kotba Mqaddsa dwar Ġesù ?

_______________________________________________________________________________

ii. Agħti l-isem ta' dawk li kitbuhom.

_______________________________________________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

8. X'kien ix-xogħol li Alla ried mingħand il-Profeti fit-Testment il-Qadim?

______________________________________________

9. Semmi żewġ profeti tat-Testment il-Qadim.

______________________________________________

10. Ġesù hu l-aqwa għalliem. Semmi żewġ kwalitajiet li inti tammira f'Ġesù bħala għalliem.

______________________________________________

11. Semmi żewġ parabboli li tgħallimt din is-sena.

______________________________________________

12. Kif wera Ġesù bil-fatti li aħna għandna naħfru lill-għedewwa tagħna?

______________________________________________

13. Semmi miraklu fejn Ġesù wera li hu għandu s-setgħa fuq ix-xitan.

______________________________________________

14. Liema żewġ sagramenti ħallielna Ġesù biex isalvana u jeħlisna mill-ħażin?

______________________________________________

15. Semmi persuna li tat ħajjitha għal ħaddieħor għall-imħabba ta' Ġesù.

______________________________________________

16. Għaliex xi nisa marru ħdejn il-qabar ta' Ġesù fi sbiħ il-jum tal-Ħadd ?

______________________________________________

17. X'wiegħed Ġesù lill-Appostli qabel tela' s-sema ?

______________________________________________

18. Semmi żewġ affarijiet li għandu jagħmel kull Nisrani fil-jum tal-Ħadd.

______________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Taqsima B (          )

**Il-gruppi ta' żmien Ġesù.**
**Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:**

Rumani, sagrifiċċji, Fariżej, sinedriju, oqbra mbajda, Qassis il-Kbir, midinbin, pubblikani, Sadduċej, tempju.

1. Il-grupp tal- ____________ta' żmien Ġesù kienu nies li kienu jobdu l-liġi minn barra iżda mhux mill-qalb.
2. Lil dawn in-nies, Ġesù ċanfarhom u qalilhom li kienu _________________________.
3. Dawn ma kinux jitħalltu mal-pubblikani u mal- __________________.
4. Il-Lhud nobbli u sinjuri kienu mal-grupp tas-____________________.
5. Dawn kienu jaħdmu id f'id mar-______________________.
6. Dawn iż-żewġ gruppi tal-Lhud kienu jmexxu l-affarijiet reliġjużi tal-Lhud u kienu rappreżentanti fis-_______________________.
7. Il-kap tas-Sinedriju kien jissejjaħ il-_______________________.
8. Il-Lhud li xogħolhom kien li jiġbru t-taxxi kienu jissejħu___________________.
9. Il-festi l-kbar il-Lhud kienu jiċċelebrawhom fit-______________________.
10. Fit-tempju biss il-Lhud kienu joffru_____________________ lil Alla.

## Taqsima Ċ (5 marki)

**F'liema parti tal-Palestina jfakkruk dawn il-ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù?**

1. Il-miraklu tal-bdil tal-ilma f'inbid: ____________________.
2. Ġesù jsikket it-tempesta: ___________________________.
3. Il-magħmudija ta' Ġesù: ___________________________.
4. Il-qawmien mill-mewt ta' Lazzru: ____________________.
5. Il-passjoni, il-mewt u l-qawmien mill-mewt ta' Ġesù: ____________________.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Taqsima D (15 marka)

**Aqra dawn is-siltiet mill-Evanġelju u fisser x'qed jitlob minnek Ġesù.**

1. "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi." (Mt. 25)

___

___

2. "Kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt." (Ġw. 11)

___

___

3. "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." (Mt. 25)

___

___

4. "Qumu u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib." (Lq. 22)

___

___

5. "Min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom." (Mt. 10)

___

___

## Taqsima E (20 marka)

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Hekk kif temmew l-ikla tal-Għid, Ġesù u d-dixxipli kantaw is-salmi u ħarġu lejn il-Għolja taż-Żebbuġ. Waslu fi ġnien, jgħidulu Ġetsemani, u Ġesù qal lid-dixxipli: "Oqogħdu bilqiegħda hawn sa kemm immur hemmhekk nitlob." U ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, u beda jsewwed qalbu u jiddejjaq. Imbagħad qalilhom: "Għandi ruħi mnikkta għall-mewt, ibqgħu hawn u ishru miegħi." Mexa kemmxejn 'il quddiem, inxteħet wiċċu fl-art jitlob u jgħid: "Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi! Iżda mhux kif irrid jien, iżda kif trid int."... (Mt. 26, 30)

Deherlu anġlu mis-sema biex jagħmillu l-qalb, imma hu ħass dwejjaq tal-mewt fuqu, u beda jitlob b'ħerqa akbar. L-għaraq sarlu bħal qtar tad-demm iċarċar sal-art. (Lq. 22)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers
StudentBounty.com

StudentBounty.com

1. Fiex kienet tikkonsisti l-ikla tal-Għid tal-Lhud?

______________________________________________________________________

2. Lil min ħa fil-qrib miegħu Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ?

______________________________________________________________________

3. Għaliex Ġesù beda 'jsewwed qalbu u jiddejjaq'?

______________________________________________________________________

4. X'riedhom jagħmlu Ġesù lil dawk li ħa miegħu?

______________________________________________________________________

5. i. X'talab Ġesù lil Alla l-Missier?

______________________________________________________________________

ii. Kif iridna nġibu ruħna Ġesù biex nagħmlu kif talab Hu lil Alla l-Missier?

______________________________________________________________________

6. Min deher lil Ġesù biex jagħmillu l-qalb?

______________________________________________________________________

7. Kif nafu li din il-ġrajja kienet l-aktar siegħa iebsa u diffiċli għal Ġesù?

______________________________________________________________________

8. Min mexxa lil dawk li marru biex jarrestaw lil Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ?

______________________________________________________________________

9. X'għamel dan biex jindunaw min kien Ġesù?

______________________________________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Taqsima F (15-il

Matul din is-sena studjajt fuq xi persunaġġi tat-Testment il-Qadim bħal Abraham, Mosè u David.

Agħżel **<u>wieħed</u>** minn dawn il-persunaġġi u f'madwar 80 kelma ikteb:

a. X'taf fuq ħajtu.

b. Għaliex lilek jogħġbok.

ċ Kif tista' int timita xi kwalitajiet sbieħ li kellu.

## Taqsima Ġ (15-il marka)

Mill-mirakli li studjajt din is-sena:

a) Ġesù jfejjaq l-għama ta' Silwam

b) Ġesù jkeċċi x-xjaten f'Ġerasa

ċ) Ġesù jibdel l-ilma f'inbid

d) Ġesù jitma' ħamest elef ruħ

1. Agħżel wieħed minnhom u rrakkontah fi kliemek.

2. Ikteb x'ried juri Ġesù b'dan il-miraklu.

## Tmiem il-karta



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers